**Rapport tas-Suq Monetarju għall-ġimgħa li ntemmet fit-12 ta' Lulju 2019**

## Operazzjonijiet Monetarji tal-BĊE

Fit-8 ta' Lulju 2019, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) ħabbar l-operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament (MRO) tiegħu ta' kull ġimgħa. L-irkant sar fid-9 ta' Lulju 2019 u attira offerti ta' €2.93 biljun mill-kontropartijiet eliġibbli fiż-żona tal-euro, €2.14 biljun inqas mill-ammont tal-offerti tal-ġimgħa ta' qabel. L-offerti kienu kollha allokati b'rata fissa ekwivalenti għar-rata tal-MRO kurrenti ta' 0.00%, skont il-politika eżistenti tal-BĊE.

Fl-10 ta' Lulju 2019, il-BĊE flimkien mal-Federal Reserve tal-Istati Uniti, mexxa operazzjoni ta' finanzjament fid-dollaru Amerikan fuq sebat ijiem permezz ta' self garantit. Din l-operazzjoni attirat offerti ta' $0.04 biljun li ġew allokati kollha b'rata fissa ta' 2.89%.

## Suq Domestiku tal-Bills tat-Teżor

Fis-suq domestiku primarju tal-bills tat-Teżor, it-Teżor għamel sejħa għall-offerti għal bills ta' 91 ġurnata u bills ta' 182 ġurnata għall-valur tal-pagament 11 ta' Lulju 2019, li jimmaturaw fl-10 ta' Ottubru 2019 u fid-9 ta' Jannar 2020, rispettivament. Kien hemm offerti ta' €70 miljun għall-bills ta' 91 ġurnata li minnhom it-Teżor aċċetta €28 miljun, filwaqt li kien hemm offerti ta' €60 miljun għall-bills ta' 182 ġurnata li minnhom it-Teżor aċċetta €2 miljun. Minħabba li €26 miljun f'bills immaturaw matul il-ġimgħa, il-bilanċ tal-bills tat-Teżor żdied b'€4 miljun għal €340.8 miljun.

Ir-rendita li rriżultat mill-irkant ta' bills ta' 91 ġurnata kienet ta' -0.362%, tnaqqis ta' 0.1 ta' punt bażi minn dik fuq bills b'perjodu ta' maturità simili li ħarġu fl-4 ta' Lulju 2019 u li tirrappreżenta prezz ta' offerta ta' €100.0916 kull €100 nominali. Ir-rendita li rriżultat mill-irkant ta' bills ta' 182 ġurnata kienet ta' -0.346%, tnaqqis ta' 0.5 ta' punt bażi minn dik fuq bills b'perjodu ta' maturità simili li ħarġu fl-20 ta' Ġunju 2019 u li tirrappreżenta prezz ta' offerta ta' €100.1752 kull €100 nominali.

Matul din il-ġimgħa ma kienx hemm tranżazzjonijiet fil-Borża ta' Malta.

Din il-ġimgħa t-Teżor ser jagħmel sejħa għall-offerti għal bills ta' 91 ġurnata li jimmaturaw fis-17 ta' Ottubru 2019.